Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20, 290, 5 ta' Novembru, 2019
Taqsima B

A.L. 290 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B.Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-gradi ta' Bachelor of Commerce – B.Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Commerce – B.Com.;

"il-Grad bl-Unuri" tfisser il-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com. (Hons);

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Commerce – H.Dip.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce – B.Com. – jew għall-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com. (Hons) – kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Grad jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni waħdieni fi tnejn mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Accountancy, Banking and Finance, l-Economics, Insurance, Management, Marketing, Public Policy, u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(2) Il-Grad bl-Unuri jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni bl-Unuri flimkien f'wieħed mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Banking and Finance, l-Economics, u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(3) L-oqsma ta' studju offruti f'xi sena partikolari u l-abbinamenti tal-oqsma ta' studju permissibbli jkunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors, sakemm li f'kull sena, l-abbinamenti tal-oqsma ta' studju jkunu offruti skont ir-riżorsi disponibbli u n-numru tal-applikanti li jagħżluhom.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola,

sakemm li applikanti li jixtiequ jagħżlu l-Accountancy bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni fit-Tieni Sena tal-Kors għandhom ikunu għaddew mill-Accounting fil-Livell Intermedju tal-Matrikola meta jkunu qegħdin japplikaw għall-Kors.

(2) L-applikanti li jixtiequ jagħżlu il-'Banking and Finance' bħala waħda miż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni fit-Tieni Sena tal-Kors jistgħu wkoll jitħallew jidħlu għall-Kors jekk ikollhom jew (i) is-Certificate in Banking taċ-Chartered Institute of Bankers (li jinkludi sitt suġġetti) u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; jew (ii) l-Advanced Diploma in Financial Services offruta mill-MCAST u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; jew (iii) kwalunkwe kwalifiki oħra meqjusa bħala rilevanti mill-Bord u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, sakemm li l-kwalifiki jinkludu mhux inqas minn 120 krettu ECTS u jkunu offruti fuq livell 4 jew ogħla tal-QNK.

(3) L-applikanti li jixtiequ jagħżlu l-'Insurance' bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni fit-Tieni Sena tal-Kors jistgħu wkoll jitħallew jidħlu għall-Kors jekk ikollhom (i) is-Certificate in Insurance taċ-Chartered Institute of Insurance u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; jew (ii) l-Advanced Diploma in Insurance offruta mill-MCAST u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; jew (iii) l-International Certificate in Enterprise Risk Management offrut mill-Institute of Risk Management u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; jew (iv) is-Certificate in Risk Management in Financial Services offrut mill-Institute of Risk Management u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola,

sakemm li l-applikanti li jixtiequ jagħżlu l-'Banking and Finance' bħala l-qasam l-ieħor ta' speċjalizzazzjoni fit-Tieni Sena, jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament.

(4) L-applikanti li għandhom id-Diploma in Commerce mogħtija mill-Università ta' Malta jistgħu jitħallew mill-Bord jittrasferixxu dawn il-kretti għat-Tieni Sena tal-Kors, sakemm li dawn l-applikanti jitħallew jagħżlu biss l-'Ekonomija' u 'l-Management' bħala ż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni. L-għadd ta' kretti li jistgħu jiġu trasferiti m'għandux jaqbeż is-60 krettu ECTS.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għall-Grad jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew ħames snin fuq bażi ta' studju *part-time*.

(2) Il-Kors għall-Grad bl-Unuri jinfirex fuq medda ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn fuq bażi ta' studju *part-time*, wara l-Kors għall-Grad.

Il-Programm tal-Kors

6. Il-kors għall-Grad jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS, imqassma kif ġej:

L-Ewwel Sena:	60 krettu ECTS li hija komuni għall-istudenti kollha;
It-Tieni Sena:	60 krettu ECTS li minnhom għall-anqas 28 krettu ECTS huma assenjati għal kull waħda miż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni magħżula; u
It-Tielet Sena:	60 krettu ECTS li minnhom 30 krettu ECTS huma assenjati għal kull waħda miż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni magħżula.

7. Qabel ma jirreġistraw għat-tieni sena tal-korsgħall-Grad, l-istudenti huma meħtieġa jagħżlu żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni mill-oqsma indikati fil-paragrafu (1) tal-ordinament 3.

8. (1) L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 90 krettu ECTS, u li jew jagħżlu li ma jkomplux bil-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux b'suċċess il-Kors ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma.

(2) L-istudenti li jidħlu skont il-paragrafu (4) tal-ordinament 4, li jtemmu mill-anqas 30 krettu ECTS minbarra s-60 krettu ECTS ittrasferiti mid-Diploma in Commerce, u li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma.

9. L-istudenti li jiksbu l-180 krettu ECTS fil-programm għall-Grad, u li ma jkomplux għall-Grad bl-Unuri, jew wara li komplew ma jtemmux b'suċċess il-Grad bl-Unuri, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad.

10. L-istudenti jkunu eliġibbli biex jirreġistraw għall-Grad bl-Unuri jekk itemmu b'suċċess il-Kors għall-Grad u jkunu kkwalifikaw b'Kategorija II jew aħjar, u jkunu kisbu marka medja minima ta' 65% fit-taqsimiet studju tat-tieni u tat-tielet sena tal-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul għall-grad bl-Unuri.

11. Il-programm ta' studju għall-Grad bl-Unuri jinkludi taqsimiet studju f'qasam ta' speċjalizzazzjoni wieħed, li għalih hemm assenjati 60 krettu ECTS.

12. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad bl-Unuri jekk jiksbu s-60 krettu ECTS kif spjegat fil-programm ta' studju għall-grad bl-Unuri.

13. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju tal-Kors u l-programmi ta' studju għal kull qasam ta' speċjalizzazzjoni, ippreparati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u bl-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' jagħmel kwalunkwe tibdil neċessarju fil-programmi ta' studju u fit-taqsimiet studju, kif meħtieġ.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

14. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-kors għall-Grad, li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	17%
Marka Medja tat-Tieni Sena	33%
Marka Medja tat-Tielet Sena	50%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad bl-Unuri għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-Kors li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja għall-kors tal-Grad	60%
Marka Medja għall-kors bl-Unuri	40%.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

15. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

16. L-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Commerce – B.Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 25 tal-2006, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2019, iżda l-istudenti rreġistrati għal dawn il-korsijiet qabel l-1 ta' Ottubru 2019 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.